**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

l-Erbgħa 15 ta' Settembru, 2021

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

### AĠENDA Numru 34

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi

Lill-Membri kollha tal-Kunsill Lokali

Qiegħed tiġi mitlub/a biex tattendi għal-laqgħa tal-Kunsill Lokali numru 33 li ser tinżamm fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali, 7, Triq il-Knisja, il-Qrendi, nhar l-Ebrgħa 22 ta' Setembru, 2021 fil-17:30.

Din il-laqgħa ser tixxandar *live* fuq l-*internet*.

**IFFIRMATA**

**Stephania Grixti**
Deputat Segretarju Eżekuttiv

---

**AĠENDA**

34.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
34.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
34.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;
34.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
34.5 Rapporti;
34.6 Aġġornament dwar il-bini taċ-Ċentru Ċiviku l-ġdid tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi;
34.7 Aġġornament dwar Miżura 4.4 – Ħitan tas-Sejjieħ fiż-Żona ta' Misraħ is-Santwarju tal-Madonna tal-Ħniena;
34.8 Aġġornament dwar Miżura 3 – Mobile App;
34.9 Aġġornament dwar l-Ingaġġ tas-Segretarju Eżekuttiv mal-Kunsill Lokali;
34.10 Tender for the Cleaning of Public Conveniences in the Locality of Qrendi, in an Environmentally Friendly Manner;
34.11 Bye-Law dwar l-Amministrazzjoni tal-Ġnien tal-Kmand;
34.12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;
34.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

**Minuti tal-34 Laqgħa tat-tmien leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi li saret nhar l-Erbgħa, 22 ta' Settembru, 2021 fil-17:30, f'7, Triq il-Knisja, il-Qrendi, u spiċċat fis-19:00.**

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Sindku | David Schembri MQR |
| Viċi Sindku | Patrick Bugeja |
| Kunsilliera | Marion Parnis |
| Kunsillier | Charles Zerafa |
| Kunsillier | Daniel Farrugia |

**Uffiċjal:**

| | |
|---|---|
| Deputat Segretarju Eżekuttiv | Stephania Grixti |

Is-Sindku David Schembri MQR ippreseda.

34.1 **QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA**

34.2.1 Ma kien hemm l-ebda ittra t'apoloġija.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

34.2 **<u>KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI</u>**

34.2.1 Il-Minuti tat-33 Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi kienu pproponuti mill-Viċi Sindku Patrick Bugeja.

34.2.2 Il-Kunsillier Daniel Farrugia ssekonda l-Minuti u l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

*Is-Sindku David Schembri għadda mozzjoni sabiex il-Minuti 34.3, 34.4 u 34.5 jiġu diskussi wara Minuta 34.9 f'din l-istess laqgħa, liema mozzjoni kienet issekondata mill-Viċi Sindku Patrick Bugeja u maqbula unanimament mill-membri tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi.*

34.6 **<u>AĠĠORNAMENT DWAR IL-BINI TAĊ-ĊENTRU ĊIVIKU L-ĠDID TAL-KUNSILL LOKALI TAL-QRENDI</u>**

34.6.1 Is-Sindku David Schembri qal li ma kien hemm l-ebda żvilupp mill-aħħar darba peress li konna irċivejna notifika mill-Building & Construction Authority fejn talbu li ssir xibka mal-bieb, jitwaħħlu l-avviżi tal-Awtorita' tal-Ippjanar u ssir bankina mad-dawra tal-binja.

34.6.1.2 Kompla jgħid li saru l-affarijiet meħtieġa bid-differenza li minflok bankina saru linji sofor. Apparti minn hekk il-Perit qed jipprova jagħmel kuntatt ma din l-awtorita sabiex jinfurmawhom li t-talbiet tagħhom ġew mwettqa biex b'hekk inkunu nistgħu nkomplu bix-xogħol. Anke minħabba l-fatt li l-kuntrattur fassal programm ta xogħolijiet u qed jistenna l-awtorizazzjoni sabiex ikun jistgħa jkompli.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

34.6.2 Is-Sindku nfurmahom ukoll li ser ningħataw €17,500 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali permezz tal-Iskema tal-Mobility sabiex nagħmlu l-lift fil-binja l-ġdida tal-Kunsill. Is-somma li ngħatajna tkopri 50% tal-ispiża.

34.6.3 Huwa kompla jgħid li ta' istruzzjonijiet lill-perit tal-proġett sabiex joħroġ it-tenders għal-lift u għal playingfield.

## 34.7 AĠĠORNAMENT DWAR MIŻURA 4.4 – ĦITAN TAS-SEJJIEĦ FIŻ-ŻONA TA' MISRAĦ IS-SANTWARJU TAL-MADONNA TAL-ĦNIENA

34.7.1 Is-Sindku David Schembri qal li x-xogħol fuq dan il-proġett suppost li spiċċa. Il-kostruzzjoni tal-ħitan tlestiet u saret ukoll laqgħa mal-perit tal-proġett u l-kuntrattur fejn dawn tal-aħħar ingħataw ċans sat-Tnejn sabiex ilestu li jkun hemm bżonn. F'każ li x-xogħol ikun għadu ma tlestiex, dan ser jiġi kwantifikat u jitnaqqas mis-somma dovuta sa issa.

34.7.2 Qal ukoll li t-tabelli saru kif mitluba u infurmahom ukoll li ż-żjara li kellha issir mis-Segretarju Parlamentari saret ukoll. Irringrazzja ukoll lil Cleansing Services Department għal għajnuna tagħhom fit-tindif li sar fil-pjazza konċernata.

## 34.08 AĠĠORNAMENT DWAR MIŻURA3 – MOBILE APP

34.08.1 Is-Sindku David Schembri qal li t-talba sabiex nbidlu l-iskema minn mobile app għal website tal-Kunsill ma ġietx aċettata u għalhekk tlabna għal kwotazzjonijiet tal-mobile app.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

34.08.2 Il-Kunsillier Charles Zerafa ressaq quddiem il-kamra rapport t'evalwazzjoni, fejn il-bord analizza it-tlett kwotazzjonijiet li daħlu u qed jiġi rrakomandat li tintgħażel il-kwotazzjoni tal-Webee għas-somma ta €4,956.00 VAT inkluża minħabba li hija l-aktar waħda vantaġġjuża.

34.08.3 Il-Viċi Sindku Patrick Bugeja ppropona li r-rapport tal-Bord t'Evalwazzjoni għandu jiġi aċċettat, bil-Kunsillier Daniel Farrugia jissekonda.

34.08.4 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament dwar dan ir-rapport.

## 34.09 <u>AĠĠORNAMENT DWAR L-INGAĠĠ TAS-SEGRETARJU EŻEKUTTIV MAL-KUNSILL LOKALI</u>

34.09.1 Is-Sindku David Schembri qal li persuna waħda biss applikat għal din il-kariga, fejn din l-istess persuna ġiet imsejħa għal intervista.

34.09.2 Il-Bord tal-għażla ħass li din il-persuna għandha bżonn aktar esperjenza kif jitmexxa Kunsill Lokali, kif ukoll fil-proċedeuri ta' procurement u tenders.

34.09.3 Kopja tar-rapport tal-bord ser jintbagħad lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali u nistennew direzzjoni mingħandhom dwar il-pass li jmiss.

## 34.10 <u>TENDER FOR THE CLEANING OF PUBLIC CONVENIENCES IN THE LOCALITY OF QRENDI IN AN ENVIRONMENTALLY FRIENDLY MANNER</u>

34.10.1 Is-Sindku David Schembri qal li kien hemm appell minn wieħed mill-offerenti u għalhekk irridu nistennew sabiex naraw x'ser jiġri fir-rigward.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 34.11 BYE-LAW DWAR L-AMMINISTRAZZJONI TAL-ĠNIEN TAL-KMAND

33.11.1 Is-Sindku David Schembri talab biex dan il-punt jiġi diskuss f'laqgħa oħra. Il-Kunsilliera qablu b'mod unanimu.

## 34.3 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

34.3.1 Is-Sindku David Schembri saqsa dwar l-attivita' ta' Pink Ocotber. Il-Kunsilliera Marion Parnis qalet li minħabba li ma hemmx data speċifika ħasset li ma tistax tikkommetti ruħha għal din l-attivita'.

34.3.2 Fir-rigward tal-President's Fun Run, il-Kunsill ressaq ir-rotta tagħna u qed nistennew iktar direzzjonijiet mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali.

34.3.3 Is-Sindku qal li rċivejna talba mill-Assoċjazzjoni tal-Gvern Lokali sabiex niddentifikaw post għal e-scooters.

34.3.3.1 Saret diskussjoni fir-rigward fejn b'mod unanimu ġie deċiż li nirrakkomandaw li dawn isiru fi Triq il-Kurat Mizzi.

34.3.4 Il-kamra ġiet infurmata mis-Sindku David Schembri li hemm bżonn persuna li tibda tieħu ħsieb li tagħmel xogħol ta' kompilazzjoni ta' tenders, aġġudikazzjoni u dak kollu relatat ma' tendering. Dan minħabba li qabel dan ix-xoħol kien isir mis-Segretarju Eżekuttiv u hemm il-bżonn li jinħarġu ċertu tenders.

34.3.4.1 Huwa ppropona li nibqgħu naħdmu bl-ex Segretarju Eżekuttiv minħabba li dan tagħna rati speċjali.

34.3.4.2 Il-Viċi Sindku Patrick Bugeja ppropona li jekk hemm xi tenders li jridu jinħarġu b'mod urġenti nużaw is-servizzi ta' din il-persuna imma għal futur nitolbu kwotazzjoni minn persuni differenti u niddeċiedu skont il-kwotazzjonijiet li jkun hemm. Sar qbil unanimu fir-rigward.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

34.3.5 Is-Sindku David Schembri qal li reġgħet ħarġet l-iskema tal-LESA fejn ix-xogħol irid isir sal-aħħar tal-2022. Huwa saqsa jekk għandniex nerġaw nitfaw l-istess applikazzjoni tal-isqaqien kif konna għamilna bil-kundizzjoni li jekk ikun hemm bżonn ċertu sqaqien ma jsirux.

34.3.5.1 Dan minħabba li fi Sqaq minnhom ser isir xi żvilupp u hemm ir-riskju li ma nkunux nistgħu nagħmlu ċertu xogħol u hemm żewġ sqaqien oħra li jistgħu isiru mill-Korporazzjoni tal-ilma. Il-Kunsill qabel unanimament.

34.3.6 Is-Sindku David Schembri qal li r-Reġjun Nofsinhar ser joħroġ skema ta' €1,000 għal tiżjin tal-Milied. Is-Sindku propona li napplikaw u dawn il-fondi jitqasmu bejn is-soċjetajiet mużikali u l-parroċċa.

34.3.6.1 Saret diskussjoni fir-rigward fejn ġie miftiehem li mal-€1,000 tar-reġjun il-Kunsill joħroġ €2,000 u dawn jiġu mqasma €1,400 għal kull soċjeta mużikali u €200 lil Parroċċa. Bil-patt li dawn jagħmlu tiżjin li jkun *motif* minflok il-fustuni li normalment isiru.

34.3.6.2 Il-Kunsill qabel b'mod unanimu fir-rigward.

34.3.7 Il-Kamra ġiet infurmata mis-Sindku David Schembri li hemm il-possibilita' li norganizzaw kunċert tal-Milied fuq skema tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

34.3.7.1 Saret diskussjoni fir-rigward u ġie deċiż li ma ssirx din l-attivita'.

34.3.8 Is-Sindku David Schembri qal li waqt l-attivita li konna mistednin fiha tal-Wasteserv, il-Kunsill Lokali Qrendi kien ir-rebbieħ tal-iktar lokalita' li ġabret skart per capita. Ta' dan ingħatajna s-somma ta' €5,000.

34.3.8.1 Is-Sindku ppropona li parti minn dawn il-fondi nużawhom sabiex nagħmlu clean up fi Triq Ħaġar Qim in-kollaborazzjoni ma persuna li hi involuta f'dan il-qasam.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

34.3.8.2 Il-Kunsill qabel fir-rigward u ġie pproponut li din il-clean-up isir nhar s-Sibt 30 ta' Ottubru. Il-Kunsilliera Marion Parnis ser tkun qed tieħu ħsieb din l-attivita'.

34.3.9 Is-Sindku kompla jinforma l-kamra li l-kuntattur li tar-restawr fuq il-Kappella tal-Grazzja saħaq li t-tender ilha li ħarġet 9 xhur u jidher li ma kienx hemm *line item*. Kompla jgħid li ser niddiskutu mal-perit fir-rigward biex naraw x'jistgħa jsir.

34.3.10 Is-Sindku David Schembri tkellem dwar proponiment ta' żvilupp ta' ħames sulari fi Triq il-Ħmistax t'Awwissu kantuniera ma Triq San Nikola.

34.3.10.1 Huwa ssuġġerixxa li bħala Kunsill għandna nagħmlu representation letter lill-Awtorita' tal-Ippjanar fejn nipproponu li dan l-iżvilupp għandu jiġi mtarraġ minħabba li qiegħed f'*urban conversation area*.

34.3.10.2 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament dwar dan.

34.3.11 Is-Sindku David Schembri ressaq il-Financial Statements għas-sena 2020 minħabba li kien hemm bżonn li jsiru xi aġġustamenti. Ġew imwieġba xi punti li tqajmu mill-Kunsilliera.

34.3.11.1 Is-Sindku ppropona li l-Kunsill Lokali għandu japprova dawn il-Financial Statements 2020.

34.3.11.2 Il-Kunsillier Charles Zerafa ssekonda u l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

## 34.4 <u>TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI</u>

34.4.1 Il-Viċi Sindku, Patrick Bugeja saqsa jekk jistgħux isiru xi *feeding stations* għal qtates fi Triq Ġużè Cassar u jsiru xi tabelli sabiex dak li jkun jitma biss *dry food* u mhux fdalijiet oħra tal-ikel.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

33.4.1.1 Il-Kunsilliera Marion Parnis qalet li hija qed taħdem fuq dan il-punt u qed tħejji xi ideat.

33.4.2 Il-Viċi Sindku, Patrick Bugeja ppropona li ssir tabella fi Triq it-Tempesta lejn Triq San Ġwakkin li tindika li ma tistax taqsam u tikser fuq il-lemin.

33.4.2.1 Il-Sindku qal li meta kien tkellem ma Transport Malta kienu nfurmawh li dak li jkun jistgħa jaqsam.

33.4.3 Il-Viċi Sindku, Patrick Bugeja tkellem ukoll dwar il-possibilita' li t-tabella tal-one way li hemm fi Triq il-Warda kantuniera ma Triq iż-Żurrieq tittella ftit iktar il-fuq milli qegħda.

33.4.4 Il-Kunsilliera Marion Parnis dwar il-possibilita' li ssir *feeding station* u *shelter* għal qtates f' Wied iż-Żurrieq. Apparti minn hekk isiru ukoll tabelli sabiex jingħata *dry food* biss.

33.4.5 Fir-rigward tal-ittra għal *speed hump* fi Triq il-Madonna tal-Grazzja, il-Kunsilliera Marion Parnis issuġġeriet li tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

33.4.6 Il-Kunsilliera Marion Parnis saqsiet jekk iridx isir permess biex tiġi nstallata mera. Is-Sindku nfurmaha li għandha ssir talba ma' Transport Malta.

## 34.5 <u>RAPPORTI</u>

34.5.1 Ma kien hemm l-ebda rapporti mill-Kunsillieri preżenti.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 34.10 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI

34.10.1 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv Stephania Grixti resqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill diversi kontijiet pendenti li jammontaw għal €38,974.40 skont is-*Schedule of Payments* Ref No. 09/21 u €125.46 skont il-Petty Cash Ref Y/8.

34.10.2 Is-Sindku David Schembri qal li bħala *Chairman* tal-Kumitat tal-Finanzi jipproponi li dawn il-kontijiet pendenti jiġu approvati.

34.10.3 Il-Viċi Sindku Patrick Bugeja u l-Kunsilliera Marion Parnis issekondaw din il-proposta.

34.10.4 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament dwar din il-proposta.

## 34.11 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

34.11.1 Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali ntemmet fis-19:00 u ġiet aġġornata għat-Tnejn 25 t' Ottubru, 2021 fil-17:30.

**Stephania Grixti**
**Deputat Segretarju Eżekuttiv**

**David Schembri**
**Sindku**